# Jittella' l-Ewwel Jum Ewropew tal-Folklor nhar is-Sibt 23 ta' Settembru 2023

**Il-Jum Ewropew tal-Folklor 2023 huwa proġett pilota mwelled u kkordinat minn membri tan-Network Ewropew tal-Folkor (European Folk Network, EFN), b'kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea bis-saħħa tal-programm MusicAIRE, bit-tama li dan il-jum isib postu bħala data importanti fil-kalendarju annwali.**

## ◆ Sfond u skopijiet

L-idea għall-Jum Ewropew tal-Folklor ħarġet waqt konverżazzjonijiet fi ħdan l-EFN bħala avveniment li jolqot direttament wieħed mill-miri tan-network, **jiġifieri li jixhed l-eżistenza tal-massa kritika ta' nies madwar l-Ewropa li huma involuti, b'xi mod jew ieħor, fit-tradizzjoni tal-arti performattiva** (mużika, żfin, u rakkont).

## ◆ Min jista' jipparteċipa fil-Jum Ewropew tal-Folklor?

**Il-parteċipazzjoni hija miftuħa għal individwi, gruppi, istitutzzjonijiet, kumpaniji, komunitajiet, ħwienet tax-xogħol, baned – fi kliem ieħor, għal kull min irid jingħaqad** b'xi attività relatata ma' mużika, żfin, jew rakkont folkloristiku fuq il-post jew online. **KULĦADD huwa mistieden**, imsieħba tal-EFN jew le.

## ◆ Kif tista' tipparteċipa fil-Jum Ewropew tal-Folklor?

Il-parteċipazzjoni tiegħek tista' tkun:

- sempliċi, bil-ġbid ta' filmat b'kanzunetta ġdida jew antika, imtella' fuq il-midja soċjali tiegħek bit-tag **#europeanfolkday**;
- elaborata, b'festival fuq il-post bis-sehem ta' diversi artisti, dakinhar tat-23 ta' Settembru jew f'data oħra fil-qrib, u li jixxandar bħala parti mill-Jum Ewropew tal-Folk; u
- **jekk int ġurnalist**, tista' tippubblika xi kanzunetta jew artist fuq il-midja tiegħek … jew tiddedika ġurnata sħiħa lis-suġġett. U tista' tippromwovi l-Jum Ewropew tal-Folk fuq il-midja lokali jew nazzjonali. Tiddejjaqx issaqsina għal aktar suġġerimenti: l-EFN għandha membri f'ħafna mill-pajjiżi Ewropej u li jistgħu jgħinuk.

**M'hemm l-ebda limitu għal kif u fejn tista' tipparteċipa.** Jekk ma tista' f'xejn, ikkuntattjana b'ittra elettronika (kuntatt iktar 'l isfel) jew agħti ħarsa lis-sit elettroniku ġdid u ngħinuk toħroġ bl-ideat.

Meta tkun għażilt it-tip ta' parteċipazzjoni tiegħek, għaddilna d-dettalji fuq is-sit (mill-paġna Ipparteċipa/Participate), u ssottometti l-informazzjoni tiegħek fuq il-ġabradata. Il-parteċipazzjoni tiegħek tiżdied fuq il-ġabradata u l-mappa tal-Ewropa. Fix-xhur li ġejjin, nikkomunikaw il-progress lid-dinja u nagħtu viżibbiltà lill-avvenimenti kollha tal-Jum Ewropew tal-Folklor. Tista' tabbona għal-ittraħbar tagħna minn hawn.

## ◆ Kif nista' nikkuntattja lit-tim organizzattiv?

L-EFN għandha tim żgħir li qed jikkordina l-proġett tal-Jum Ewropew tal-Folklor. Hemm indirizzi elettroniċi speċifiċi għal bżonnijiet diversi:

- Għal mistoqsijiet dwar parteċipazzjoni, ikkuntattja lil Eric fuq participate@europeanfolkday.eu
- Għal talbiet tal-ġurnalisti u midja oħra, ikkuntattja lil Araceli fuq media@europeanfolkday.eu
- Għal korrispondenza ġenerali, ikkuntattja lil Nod fuq info@europeanfolkday.eu

**Ħerqanin li kulħadd jingħaqad f'din l-inizjattiva pan-Ewropea biex niċċelebraw u nuru l-appoġġ lill-arti tradizzjonali tal-komunitajiet madwar l-Ewropea.**

## Il-Jum Ewropew tal-Folklor ġej minnek, għalik, għalina!

Translation into Maltese: Giuliana Barbaro-Sant